MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-17 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 200/2008

**Joseph Cini gia Pace u Denise Said**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet **Joseph Pace vs Joseph Cini et** [Cit. Nru. 71/04 NC] tat-28 ta` Frar, 2006, din l-Onorabbli Qorti:

a. iddikjarat illi l-konvenut Joseph Cini bhala l-missier naturali tar-rikorrent Joseph Cini dak iz-zmien Pace;

b. ordnat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent huwa jikkancella l-kliem “unknown father” mill-kolonna tal-“isem u kunjom missier it-tarbija” u jissosstitwixxihom bil-kliem Joseph Cini u jirregistra wkoll fl-istess Att il-konnotati tal-imsemmi Joseph Cini. (*vide sentenza msemmija u mmarkata Dok. JC1).*

Fil-fatt id-Direttur ghamel il-korrezzjonijiet kollha ordnati mill-Qorti tant li d-dokumenti kollha relattivi issa nhargu bl-isem u l-kunjom korretti tar-rikorrenti u cioe` Joseph Cini u mhux aktar bil-kunjom Pace (*vide l-karta tal-identita` ta` Joseph Cini mmarkata bhala Dok. JC2).*

Iz-zewg rikorrenti ilhom snin jghixu flimkien u mir-relazzjoni taghhom huma ghandhom zewgt itfal u cioe` Mattei, li twieled fil-11 ta` Settembru, 2001 (*vide Dok. JC3)* u Gayle, li twieldet fit-18 ta` Mejju, 2005 (*vide Dok. JC4)*.

Kunjom iz-zewgt itfal huwa Pace kif indikat fic-certifikati tat-twelid rispettivi taghhom meta kunjom missierhom naturali huwa Cini u kunjom ommhom huwa Said.

L-esponenti ma jridux li uliedhom jibqghu bil-kunjom Pace stante li dan m`huwiex wiehed minn kunjomhom u issa huwa estraneju ghalihom.

It-tibdil fil-kunjom taz-zewg ulied minuri m`hu ser jimporta ebda effetti negattivi jew konsegwenzi ghal terzi persuni.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-ulied minuri tar-rikorrenti u cioe` Mattei Pace u Gayle Pace, jikkancella l-kunjom ‘Pace’ mill-kolonna ta` “Isem il-Wild” u mill-kolonna ta` “Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier” u jissosstitwixxih bil-kunjom “Cini”, stante li dan huwa kunjom missierhom naturali.

Rat ir-risposta.

1. Preliminarjament fil-mertu l-esponent ma joggezzjonax ghat-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat u jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghal gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas ta` l-esponent li m`ghandux ibati l-ispejjez ta` l-istanti stante illi jirrizulta li l-kunjom legali tar-rikorrent kien Pace fid-data tat-twelid tal-minuri Mattei u Gayle.

3. Fir-rigward ta` l-Att tat-Twelid ta` Mattei li jgib in-numru progressiv ta` iskrizzjoni 3934 tas-sena 2001, jehtieg li jigu korretti d-dettalji fuq l-annotazzjoni ta` l-Att tat-Twelid li jispecifikaw (i) il-kunjom tal-missier tat-tarbija u (ii) minflok il-kliem *"missier mhux maghruf"* ghandu jigi ndikat l-isem u l-kunjom tal-missier tat-tarbija u jekk in-nannu patern kienx haj jew mejjet fid-data tat-twelid tal-minuri Mattei.

4. Fir-rigward ta` l-Att tat-Twelid ta` Gayle li jgib in-numru progressiv ta` iskrizzjoni 1748 tas-sena 2005, jehtieg li jigu korretti d-dettalji fuq l-Att tat-Twelid li jispecifikaw (i) il-kunjom tal-missier tat-tarbija; (ii) il-kunjom tat-tarbija u (iii) minflok il-kliem *"missier mhux maghruf"* ghandu jigi ndikat isem u kunjom tal-missier tat-tarbija u jekk in-nannu patern kienx haj jew mejjet fid-data tat-twelid tal-minuri Gayle.

5. Ghandha ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta` l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Tant ghandu l-esponent x`jecepixxi ghas-savju gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-avviz ippubblikat ghall-finijiet tal-Art. 254 tal-Kodici Civili li hareg fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta` Marzu, 2008.

Rat in-nota tal-atturi tas-26 ta` Frar, 2008 fejn dawn iddikjaraw li m`ghandhomx provi aktar.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti f`din il-kawza qeghdin jitolbu li c-certifikati tat-twelid ta` uliedhom Mattei u Gayle jirriflettu d-decizjoni tal-Qorti tat-28 ta` Frar, 2006 fejn il-Qorti irrikonoxxiet li r-rikorrenti odjern Joseph Cini huwa effettivament iben naturali ta` Joseph Cini. Wara dik is-sentenza saru l-korrezzjonijiet mehtiega fid-dokumenti relattivi ghal Joseph Cini, rikorrent odjern. Madanakollu, c-certifikati tat-twelid ta` uliedu ghadhom juru lil missierhom bhala Joseph Pace meta fil-fatt dan issa huwa legalment Joseph Cini.

Dawn il-fatti huma kollha pruvati mid-dokumenti esibiti fl-atti ta` din il-kawza, u ghaldaqstant, it-talbiet odjerni ta` Joseph Cini u Denise Said huma gustifikati u l-Qorti hija konvinta li ghandhom jigu milqugha.

Jidher ukoll, pero`, li l-istat ta` fatt li minnu qed jilmentaw ir-rikorrenti ma hux dovut ghall-izball tar-Registru Pubbliku u ghalhekk l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku m`ghandux ibati spejjez.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba kontenuta fir-rikors promotur u tordna illi fl-Att ta` Twelid ta` Mattei, Nru. 3934 tas-sena 2001 fil-kolonna “Isem u Kunjom u post tat-Twelid tal-Missier” jithassar il-kunjom Pace u minfloku jitnizzel il-kunjom Cini.

Il-Qorti tordna wkoll illi fl-istess Att tat-Twelid 3934 tas-sena 2001 jigu korretti d-dettalji fuq l-annotazzjoni fis-sens illi minflok il-kliem “missier mhux maghruf” ghandu jitnizzel l-isem Joseph Cini, haj.

Il-Qorti tordna wkoll li fl-att tat-Twelid ta` Gayle Nru. 1748 tas-sena 2005 fil-kolonna “Isem u Kunjom u post tat-

Twelid tal-Missier" jithassar il-kunjom Pace u minfloku jitnizzel il-kunjom Cini.

Il-Qorti tordna wkoll illi fl-istess Att tat-Twelid 1748 tas-sena 2005 fil-kolonna "Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah" jitnizzel il-kunjom Cini minflok Pace u minflok il-kliem "unknown father" fil-kolonna "Isem u Kunjom tal-Missier u jekk hux haj jew mejjet" jitnizzlu l-kliem Joseph Cini, haj.

Il-Qorti tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------